# ITTRA LILL-PRIM MINISTRU
## FUQ
# TGĦALIM IL-MALTI FL-ISKEJJEL

L-Għaqda tal-Malti (Università) imwaqqfa biex tmexxi tagħlim il-Malti qalb iż-żgħażagħ, fil-laqgħa li kellha tal-imsieħbin kollha nhar it-12 ta' Ottubru 1932,
wara li qrat u għarblet il-minuta ministerjali tas-6 ta' Settembru li għadda fuq tagħlim il-Malti „fl-iskejjel" tal-Gvern, jiġifieri :

i) li l-Malti jintgħallem kif jitkellmuh;

ii) li l-Malti jinkiteb kif jinħass;

iii) li l-Malti għandu jkun għajnuna għat-Taljan;

u fehmet il-ħsara li tiġri lill-Malti u lit-tfal li jitgħallmuh hekk,
tħoss li hu dmir tagħha li tgħarraf xinhuma l-fehmiet tagħha fuq din il-liġi u li turi xinhuma x-xewqat tagħha biex it-tagħlim tal-Malti fl-iskejjel ikun ta' ġid għat-tfal u ta' ġieħ għal-lsien Malti.

i) Il-Malti jintgħallem kif jitkellmuh.

a) L-ilsna kollha tad-dinja, li jitgħallmuhom u jiktbuhom, għandhom żewġ għamliet : waħda kif nitkellmu u l-oħra kif niktbu; waħda nitgħallmuha bit-taħdit qabel ma nidħlu l-iskola, l-oħra nitgħallmuha fl-iskola u fil-kotba; waħda jafha kullħadd, l-oħra jafuha ftit. Għalhekk jekk għandna nitgħallmu l-Malti fl-iskola, għandna nitgħallmuh minn fuq il-kotba u minn fuq kotba tajbin, u mhux mill-kliem li ngħidu fil-ħajja u fil-ħtieġa ta' kulljum.

b) Il-Malti li jitkellmu kotra kbira ta' nies hu Malti mħassar b'ħafna kliem barrani. Jekk it-tfal jibdew jitgħallmu dan il-Malti mħassar, maż-żmien ħafna kliem Malti

jibda jintesa, jintilef, u jmut għal kollox. Iżda kull kelma Maltija hi xhieda ta' ġrajja qodma tal-Gżira tagħna, u l-ġrajja huma ġrajja li ma jista' jiċħadhom jew iħassarhom ħadd u xejn. Għalhekk jekk irridu nżommu xhieda tal-ġrajja tal-istorja tagħna kollha kemm hi, għandna ngħożżu l-kliem kollu Malti, ngħallmuh lit-tfal u ma nħalluhx jinqered minn kliem ieħor barrani.

ii) Il-Malti għandu jinkiteb kif jinħass.

a) L ebda kitba jew ortografija tal-Malti ma hi tajba jekk ma hix mibnija fuq reguli sħaħ u maħduma kif jitlob il-lsien Malti li hu magħżul għal kollox mill-ilsna tal-lum. Kull kitba oħra hi kitba mħassra, u kitba mħassra, jidhrilna aħna, ma għandha ebda jedd li tkun imgħallma.

b) Jekk dil-kitba jew ortografija ġdida li sa tidħol fl-iskejjel tal-Gvern tkun taqbel, bħalma naħsbu, mal-kitba li ħarġet m'ilux mill-Uffiċċju tal-Ministru tal-Tagħlim, nistgħu ngħidu mill-ewwel li hi taħbil ta' kitba u tfixkil kbir għat-tfal li jridu jitgħallmuha. Hi kitba li ma għandha l-ebda regola, hi kitba li ma tqis xejn il-Grammâtka, hi kitba li timxi mxengla minn naħa għal naħa. F'din il-kitba ħoss wieħed jista' jitfisser issa b'ittra u issa b'ittra oħra, u ittra waħda jista' jkollha aktar minn ħoss wieħed; u taħwid ieħor li jifhmu kull min għandu rieħa ta' ortografija maltija. Tagħlim ta' kitba bħal din jidhrilna li jwaqqa' l-ġieh ta' lsienna, l-ġieh tal-iskola, l-ġieh tat-tagħlim.

iii) It-tagħlim tal-Malti għandu jkun għajnuna għat-Taljan għax il-Malti l-lum fih kotra ta' kliem taljan.

a) Jekk il-Malti għandu jkun imgħallem kif jitkellmuh, it-tfal jistgħu jitgħallmu minnu ħafna kliem taljan. Iżda għidna i) li t-tagħlim tal-Malti għandu jsir fuq il-Malti tal-kotba u mhux fuq il-Malti tat-taħdit.

b) Il-Malti u t-Taljan huma żewġ ilsna li ma għandhom x'jaqsmu xejn bejniethom. Għalkemm fil-Malti daħal ħafna kliem taljan, il-Malti għadu Malti, b'regoli għalih waħdu, b'xeħta u bixra għalih waħdu. It-tagħlim tal-Malti,

sakemm jibqa tagħlim tal-Malti, ma jista' qatt igħin it-tagħlim tat-Taljan. Ħsara kbira jkollu t-tagħlim tat-Taljan jekk ngħinuh bil-Malti. Ilu aktar minn mitt sena li Mikiel Anton Vassalli, għaref Malti, ra b'għajnejh li dawk it-tfal tal-ibliet, li kienu mdorrijin jitkellmu Malti nofsu taljan, qatt ma setgħu jitgħallmu t-taljan tajjeb, waqt li t-tfal tar-rħula, li qatt ma kienu jafu kelma bit-taljan, kienu jitgħallmu aħjar u aktar bil-ħeffa l-lsien taljan. * Hekk ukoll jaħsbu oħrajn li jħobbu l-ġieh tal-lsien taljan. Mela jekk it-taljan ma jistâx ikun megħjun mill-Malti, il-Malti għandu jkun imgħallem għalih in-nifsu, bla ma jiltewa lejn l-ebda lsien barrani.

L-Għaqda fuq kollox tħossha qawwija fil-fehmiet tagħha, għax tara li l-kitba tagħha mxerrda ma kullimkien, milqugħa u mfaħħra minn ħafna għorrief kbar barranin. Hu ġieħ kbir għal Malta li l-lsien Malti jkun magħruf mill-għorrief l-aktar imsemmija, u biex tgħożż dan il-ġieh l-Għaqda tixtieq u titlob li tagħlim il-Malti jsir kif jixraq lil kull ilsien ieħor.

PROF. P.P. SAYDON.
President

ANT. BUTIGIEG
Segretarju

* (Lexicon Melitense, Romæ, 1796, pag XVII)

TINSIEX TIXTRI

# KTIEB L-IMHALLFIN

u

# KTIEB RUT